MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 716/2012

**GO plc
C 22334
Vs
Agius Agostino
ID No. 38546M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2012 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija sebgha u erbghin ewro tmienja u sittin centezmu (€747.68), skont l-annessi prospett markati Dok B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, internet u tat-telefon kont numru *A/C 40155010,* moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-5 ta' April, 2011 kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013  u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba' mija sebgha u erbghin ewro tmienja u sittin centezmu (€747.68) bl-imghax legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-5 ta' April, 2011 sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------